Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje C

C/2025/1848

1.4.2025

**DEĊIŻJONI TAL-BUREAU TAL-PARLAMENT EWROPEW**

**tal-10 ta' Marzu 2025**

**li temenda l-Miżuri ta' Implimentazzjoni tal-Istatut għall-Membri tal-Parlament Ewropew**

(C/2025/1848)

IL-BUREAU TAL-PARLAMENT EWROPEW,

wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 223(2) tiegħu,

wara li kkunsidra l-Istatut għall-Membri tal-Parlament Ewropew ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 21 tiegħu,

wara li kkunsidra l-Artikolu 25 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 73(2) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni tal-Istatut tal-Membri tal-Parlament Ewropew ([2]) ("il-Miżuri ta' Implimentazzjoni"), l-ammont massimu ta' kull xahar li jista' jitħallas fir-rigward tal-persunal personali msemmi fl-Artikolu 29(4) tagħhom għandu, fejn xieraq, jiġi indiċizzat kull sena mill-Bureau abbażi tal-Indiċi Konġunt biex titkejjel il-bidla fl-għoli tal-ħajja għall-uffiċjali tal-UE ("Indiċi Konġunt") stabbilit mill-Eurostat skont l-Artikolu 65 tar-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u l-Kundizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħra tal-Unjoni Ewropea, u f'konformità mal-Anness XI tagħhom, stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68 ([3]) ("ir-Regolamenti tal-Persunal").

(2) Dak l-indiċjar normalment jiġi deċiż mill-Bureau f'Diċembru u jieħu effett b'mod retroattiv minn Lulju tas-sena inkwistjoni. Madankollu, l-Indiċi Konġunt stabbilit mill-Eurostat għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2023 sal-1 ta' Jannar 2024 kien ta' 103,0 (+3,0 %), ekwivalenti għal-limitu speċifiku ta' 3 % stabbilit mir-Regolamenti tal-Persunal tal-UE biex jiġi skattat aġġornament intermedju fir-remunerazzjoni tal-uffiċjali tal-UE, u konsegwentement sar meħtieġ aġġornament intermedju tal-ammont ta' kull xahar tal-allowance għall-assistenza parlamentari tal-Membri.

(3) Għall-ewwel nofs tal-2024, il-Kummissjoni stabbiliet ir-rata ta' aġġustament applikabbli għal 3 %. Għaldaqstant, fil-laqgħa tiegħu tal-24 ta' Ġunju 2024, il-Bureau ddeċieda li jżid l-ammont ta' kull xahar tal-allowance għall-assistenza parlamentari bi 3 %, għal EUR 29 557, b'effett mill-1 ta' Jannar 2024 ([4]).

(4) Għat-tieni nofs tal-2024, il-Kummissjoni stabbiliet ir-rata ta' aġġustament applikabbli għal 5,3 %, li għandha tiġi implimentata f'żewġ stadji, permezz tal-ewwel indiċjar ta' 4,1 %, b'effett mill-1 ta' Lulju 2024, u t-tieni indiċjar ta' 1,2 %, b'effett mill-1 ta' April 2025.

(5) Għaldaqstant, fil-laqgħa tiegħu tas-16 ta' Diċembru 2024, il-Bureau ddeċieda li jżid l-ammont ta' kull xahar tal-allowance għall-assistenza parlamentari b'4,1 %, għal EUR 30 769, b'effett mill-1 ta' Lulju 2024 ([5]).

([1]) Id-Deċiżjoni 2005/684/KE, Euratom tal-Parlament Ewropew tat-28 ta' Settembru 2005 li tadotta l-Istatut għall-Membri tal-Parlament Ewropew (ĠU L 262, 7.10.2005, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2005/684/oj).
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Bureau tal-11 ta' Settembru 2023 dwar il-Miżuri ta' Implimentazzjoni għall-Istatut għall-Membri tal-Parlament Ewropew u li tħassar id-Deċiżjoni tal-Bureau tad-19 ta' Mejju u d-9 ta' Lulju 2008 (ĠU C, C/2024/2814, 26.4.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/2814/oj).
([3]) ĠU L 56, 4.3.1968, p. 1.
([4]) Id-Deċiżjoni tal-Bureau tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Ġunju 2024 li temenda l-Miżuri ta' Implimentazzjoni tal-Istatut għall-Membri tal-Parlament Ewropew (ĠU C, C/2024/4279, 1.7.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/4279/oj).
([5]) Id-Deċiżjoni tal-Bureau tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Diċembru 2024 li temenda l-Miżuri ta' Implimentazzjoni tal-Istatut għall-Membri tal-Parlament Ewropew (ĠU C, C/2024/7537, 20.12.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/7537/oj).

(6) Sabiex tiġi riflessa bis-sħiħ ir-rata ta' aġġustament applikabbli ta' 5,3 % stabbilita mill-Kummissjoni, l-ammont ta' kull xahar tal-allowance għall-assistenza parlamentari issa jenħtieġ li jkompli jiżdied b'1,2 %, għal EUR 31 138, b'effett mill-1 ta' April 2025. Għal dan l-għan, jenħtieġ li l-Artikolu 29(4) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Fl-Artikolu 29 tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. L-ammont massimu ta' kull xahar li jista' jitħallas fir-rigward tal-persunal personali kollu msemmi fl-Artikolu 30 għandu jkun ta' EUR 31 138 b'effett mill-1 ta' April 2025.".

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' April 2025.